# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 6 ta' Lulju 2021

## Talba numru 209/2020SFJ

## *Simonds Farsons Cisk plc (C113)*
## *vs.*
## *N.P.N. Services Limited (C46505)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fil-11 ta' Settembru 2020 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' elf u tmien mija u ħamsa u erbgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€1,845.30) rappreżentanti l-prezz ta' merkanzija, liema merkanzija ġiet mibjugħa lis-soċjetà konvenuta u kkonsenjata lilha.

Ra li s-soċjetà attriċi talbet anki l-ispejjeż u d-drittijiet, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża.

Ra l-i*statement of account* anness mal-Avviż tat-Talba.

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni.

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta u ma dehret għal ebda seduta.

Ra li fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2021, xehdet Rita Gatt, li hija *credit controller* fi ħdan is-soċjetà attriċi, li qalet taħt ġurament li l-ammont mitlub huwa dovut lis-soċjetà attriċi u li s-soċjetà konvenuta ma kinitx ħallset l-ammont relattiv jew xi parti minnu.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Inoltre, l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Fid-dawl tal-provi ppreżentati, jiġifieri x-xhieda ta' Rita Gatt u l-i*statement of account*, li huma inkontestati, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova li hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża u sema' lil Rita Gatt tixhed u ra li s-soċjetà konvenuta naqset li topponi għat-talbiet tas-soċjetà konvenuta, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' elf u tmien mija u ħamsa u erbgħin Ewro u tletin ċenteżmu (€1,845.30) flimkien mal-imgħaxijiet, liema mgħaxijiet għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u għandhom ikunu ikkalkulati mill-11 ta' Settembru 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu kollha mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**